MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 990/2001/1

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Charmaine Berrad u b'digriet tad-29 ta' April 2002 gie kjamat in kawza ir-ragel tal-konvenuta.**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' Lm485.70 (erba' mija u hamsa u tmenin lira Maltin u sebghin centezmu) liema ammont huwa dovut lis-socjeta attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 807051 (skond ma jirrizulta mid-dokument A anness mal-avviz tat-talba) u liema servizz gie installat fil-fond li jgib in-numru 2, Crudo Flats, Triq il-Wilga, Luqa u dana skond ma jidher mis-service agreement anness mal-avviz tat-talba u mmarkat Dok B.

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament l-occhio m'hux integru ghar-rigward l-aspett tal-konvenuta u b'hekk l-esponenta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi fil-meritu l-ammont pretiz hu kontestat.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra t-talba ghal kjamat fil-kawza tar-ragel tal-konvenuta.

Ra n-nota tas-socjeta' attrici datata 13 ta 'Jannar 2003 fejn irrinunzjat ghal kjamat fil-kawza.

Sema' lil Avv Dr Ingrid Zammit Young tikkonferma bil-gurament li l-ammont ta' Lm485.70 (erba' mija u hamsa u tmenin lira Maltin u sebghin centezmu) ghadu ma thallasx.

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi kontra l-istess konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------